MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1065/2003

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Lulju 1964, wara li kienu ltaqghu flimkien meta allura l-attur kellu 16-il sena u l-konvenuta kellha 14-il sena; li kemm qabel, kif ukoll matul, iz-zwieg il-konvenuta ghandha storja ta’ promiskwita’ sesswali; li fiz-zmien tal-gherusija l-attur ried jittermina r-relazzjoni ghax ma riedx jizzewweg lill-konvenuta, izda gie pressat li jizzewweg minn missieru, sforz ta’ biza’ riverenzjali, u ghalhekk izzewweg kontra l-volonta’ tieghu u li l-kunsens matrimonjali tieghu ma kienx wiehed shih u

liberu; li ma saret ebda forma ta’ diskussjoni serja qabel iz-zwieg; li matul iz-zwieg l-konvenuta kienet ghamlet il-‘coil’ ad insaputa tal-konvenuta, kemm sabiex twaqqaf il-prokreazzjoni ta’ l-ulied, kif ukoll sabiex ma tinqabadx tqila minn xi wiehed mid-diversi rgiel li kienet tiffrekwenta minn wara dahar l-attur, u kienet ghamlet anke tentattiv ta’ abort darbtejn; li l-partijiet isseparaw permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-18 ta’ Ottubru 2000; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, u dan stante vizzju tal-kunsens matrimonjali, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 19[1] tal-Kap.255, “b’ mod generali u b’ mod partikolari a tenur tal-paragrafi [a][b][c][d][f] ta’ l-istess artikolu; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi z-zwieg tal-kontendenti hwua wiehed validu, u ghadu jghodd;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konventua fil-11 ta’ Lulju 1964 huwa null fil-ligi, stante lil-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a][b] u [c], u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda topponi ghat-talba ta’ l-attur, u qed issostni li z-zwieg huwa validu, u ghadu jghodd.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Lulju 1964 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 18-il sena, u wara li

kienu ilhom johorgu flimkien erba' snin. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal.

Illi fis-sena 1992, wara konvivenza matrimonjali ta' circa 28 sena, il-konvenuta bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni personali wara li skopriet li l-attur kien beda jiffrekwenta nisa ohra, fosthom mara barranija li maghha kellu relazzjoni. Dawn il-proceduri gew konkluzi permezz ta' sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq zewg cirkostanzi ta' fatt allegati minnu: il-promiskwita' ta' martu, u li meta zzewweg, huwa ma kellux l-volonta' libera, u ghalhekk izzewweg kontra qalbu.

L-attur jallega li sa minn zmien l-gherusija huwa kien induna li martu kienet thobb hafna s-sess, u kienet tmur ma' rgiel ohra.

Jghid li matul l-gherusija huma kienu jiggieldu ta' spiss, u gieghli ttermina r-relazzjoni mal-konvenuta, izda misieru kien iggieghlu jerga' jirrezumi r-relazzjoni. Jghid li huwa ma riedx li jizzewweg lill-konvenuta u "[jiena] izzewwigt ghax kont nibza' minn missieri u hassejtni li qieghed f' morsa, u ma kelli ebda triq ohra x' naghmel."[1] Fix-xhieda tieghu jghid, "dawwarni ghax bdejt nibza' minnu, u zzewwigna bilfors ….. ma ridtx nizzewweg b' xejn."

Jghid ukoll li ma kienx hemm preparazzjoni ghaz-zwieg.

L-attur jakkuza lill-konvenuta bil-promiskwita' sesswali, kemm qabel, kif ukoll matul il-konvivenza matrimonjali. Huwa jghid li matul iz-zwieg hija kienet ghamlet il-coil sabiex tkun tista' jkollha x' taqsam ma' l-irgiel u ma tinqabadx tiqila. Mill-banda l-ohra, fiz-zwieg hija kienet turi certu riluttanza biex ikollha x' taqsam ma' l-attur; kienet tghidlu "ara, hallini …. m' ghandix aptit naghmel, ejja ejja ha nehles minnek."[2]

[1] Aff. Fol.8
[2] Dep. fol.50

*Verzjoni Konvenuta*
Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak allegat mill-attur fil-konfront taghha. Hija tichad li kienet infidila lejh kemm waqt l-gherusija kif ukoll waqt iz-zwieg; tichad li kienet ghamlet il-coil; u dwar l-allegazzjoni li l-attur kien izzewweg bil-fors minhabba missieru, tghid li l-attur qatt ma wriha li ma riedx jizzewweg.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li “qatt ma kellimt guvni iehor qablu, u ghadni sa llum il-gurnata li ma kellimt l-ebda ragel iehor, lanqas wara z-zwieg.”[3] Tghid li waqt l-gherusija l-attur kien juriha li kien ihobbha u kien ikun ghandhom kuljum, u kien anke ghamel diversi xogholijiet fid-dar ta’ ommha. Kif beda jghaddi z-zmien kien l-istess attur li kien qallha biex jibdew ifittxu post tal-kiri; u fl-ebda hin ma qallha jew uriha li ma riedx jizzewweg.

Tghid li huma kien ferhanin, meta zzewgu u anke wara li zzewgu. Fi kliemha: “kien zwieg felici, u konna kuntenti. Kellna l-ewwel tifla [honeymoon baby], u wara kelli tlett ibniet ohra. [Izda] ghadda ftit taz-zmien mhux hazin u beda jaghmilha ma’ kumpanija xejn sabiha, u hemm beda jinqala’ l-inkwiet.”[4]

L-attrici tispjega li hi kienet fethet il-proceduri ghas-separazzjoni peress li “qbattu kemm-il darba man-nisa. Anke rajut jien, it-tifla u l-gharus taghha ma’ prostituta u konna waqqafnih.”[5] Hija tispjega li l-attur irid l-annullament peress li qieghed ma’ mara barranija u jrid li jizzewwigha biex din tkun tista’ tibqa’ toqghod Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet ix-xhieda taz-zewg partijiet, u, b’ mod generali tghid li hi, taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta u mhux mill-attur; kemm ghax din hi aktar verosimili, kif ukoll ghaliex il-verzjoni tal-konvenuta, ghal kuntrarju ta’ dik ta’ l-attur, hija korroborata sodisfacentement.

---
[3] Fol.177
[4] Fol.177
[5] Fol.178

Illi b’ mod partikolari, il-Qorti tosserva li l-allegazzjoni tal-coil ma gietx sostnuta minn provi ghajr x-xhieda ta’ l-attur; anzi tinsab serjament mdghajjfa mill-fatt rakkont mill-attur stess li, meta huwa mar biex jivverifika dak li kien sema’ fuq martu minn “habiba taghha”, u ghamel l-att taz-zwieg ma’ martu minghajr prekawzzjoni minn naha tieghu, martu harget tqila.[6]

Illi lanqas l-allegazzjoni tieghu li martu kellha taghmel intervent kirurgiku minhabba hsara kaggjonata mill-uzu tal-coil, ma giet sostnuta. F’ dan ir-rigward hemm biss l-allegazzjoni tieghu, minghajr provi, stante li mill-file mediku tal-konvenuta ma jirrizultax li l-operazzjoni li kellha taghmel il-konvenuta kienet relatata ma’ l-uzu ta’ coil; u dan apparti c-cahda kategorika ta’ l-istess konvenuta.

Illi rigward ix-xhieda mressqa mill-attur b’ tentattiv biex jipprova l-allegazzjoni tieghu ta’ infedelta’ da parti ta’ martu, il-Qorti tosserva li l-provi mressqa minnu huma nsodisfacenti ghall-ahhar.

Illi rigward l-allegazzjoni ta’ l-attur li dan izzewweg kontra l-volonta’ tieghu, l-attur ressaq l-affidavit ta’ huh Mario B li qal li huwa kien jisma’ lill-attur jghid li huwa ma kienx ihobb lill-konvenuta, allura l-gharusa tieghu, u ma riedx jizzewweg; izda missierhom kien ikkostringih li jizzewweg. In propozitu l-Qorti, hija tal-fehema li, fid-dawl tal-provi sodisfacentement provati, hija ghandha tqis bhala nveritier dak allegat minn dan ix-xhud.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**

Illi mill-provi ma gietx provat li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur ma kellux il-volonta’ libera tal-ghazla. Il-Qorti hi tal-fehema li, minn dak li jirrizulta sodisfacentement provat, l-attur kien ferhan bil-konvenuta, allura gharusa tieghu, u ried li jizzewwigha, kif fil-fatt ghamel.

---

[6] Fols.52-53

Inoltre, ma giex provat li f' dak iz-zmien il-partijiet ma kellhom certu dixxerniment dwar l-import tal-hajja konjugali, jew li, xi hadd minnhom, kien nkapaci li jassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg. Lanqas irrizulta provat li l-kunsens tal-partijiet jew ta' parti kien vizzjat bis-simulazzjoni. In fine, jinghad li l-imputazzjoni ta' qerq da parti tal-konvenuta dwar xi kwalita' inerenti fil-persuna taghha, hija manifestament gratuwita'.

Il-provi juru li huma ghexu flimkien circa 28 sena li matulhom kellhom erbat itfal. Sfortunatament, lejn l-ahhar tal-konvivenza, l-attur tilef il-boxla morali u beda jiffrekwenta nisa ohra, liema fatt wassal lill-konvenuta sabiex fis-sena 1992 titlob is-separazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma gietx sostnuta minn provi sodisfacenti, u ghalhekk ser tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-isepjjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------